# IL-BEBBUX

Carmelo Pace

**Fil-gżejjer Maltin, l-ewwel xita ġġib magħha mhux biss it-tkarwit tar-ragħad, il-leħħ tal-beraq, u tifqigħ tas-sajjetti, imma ġġib wkoll barka tas-sema, jew aħjar f'dan il-każ, barka ta' l-art. Ma' ħrug April il-bebbux ikun daħal jorqod, mistoħbi għall-kenn ta' taħt il-ġebel, fix-xquq mudlama tal-blat, jew inkella għad-dell frisk ta' xi sagħtra jew għollieqa, imma mal-ħsus ta' l-ewwel xita tal-Ħarifa jibda jaħseb biex joħroġ jirgħa. Ikun ilu mas-sitt xhur sajjem u meta l-qtar oħxon tax-xita tant mistennija jmelles wiċċ l-art, il-bebbux jitħajjar joħroġ minn qoxortu u jfittex li jtuq l-istonku.**

Normalment il-bebbux ma joħroġx eżatt ma' l-ewwel xita għax din malajr tinxtorob mill-art xotta li tkun ilha għal xhur sħaħ maħkuma mis-sħana tas-Sajf kiefer Malti. Imma mat-tieni jew it-tielet ħalba xita tara il-bebbux jixref mill-moħba tiegħu u jfiġġ minn kullimkien, tiewi biex jiekol u biex jinnamra.

Il-bebbux (jew "tal-qrun" kif jgħidulu xi wħud) għadu ikla popolari ħafna mal-Maltin u l-Għawdxin li jkunu jistennew bil-ħerqa l-istagun tiegħu. Interessanti li l-Għawdxin għadhom jagħmlu differenza (li x'aktarx dari kienu jagħmluha l-Maltin kollha) bejn "**bebbux**" – li huma ħlejjaq tal-baħar, u "**għakrux/għekierex**" - li huma ħlejjaq ta' l-art. B'xorti ħażina ż-żagħżagħ qed jinsew din id-distinzjoni. In-nies ta' l-irħula li jgħixu f'kewn in-natura baqgħu jżommu d-drawwa ta' l-ikla tal-bebbux. Għalkemm illum dirr l-ikla issibha anke f'xi whud mill-aqwa ristoranti, kien hemm żmien meta il-bebbux kien meqjus bħala ikla tal-fqar – speċjalment meta bdiet dieħla l-influwenza tal-ikel barrani fi żmien il-ħakma Ingliża u beda jitwarrab l-ikel tradizzjonali Malti. Illum tisjir il-bebbux sar arti u jeżistu ħafna riċetti minn pajjizi mad-dinja kollha. F'pajjizi bħal Franza, l-Italja u l-Portugal isir festival internazzjonali tat-tisjir tal-bebbux, li jkun rreklamat bħala attrazzjoni turistika. F'Malta u Għawdex wkoll sar żvilupp f'dan il-qasam u nsibu diversi riċetti tradizzjonali u ġodda tal-bebbux fl-aqwa kotba tar-riċetti miktuba minn koki magħrufa. Qxur tal-bebbux instabu f'diversi postijiet arkejoloġiċi f'Malta u Għawdex bħall-imqades ta' Żmien il-Ħaġar u f'Tas-Silġ li juru li l-bebbux kien jinġabar minn żmien il-qedem.

Skond Charles Cachia fil-ktieb tiegħu "Il-Molluski ta' Malta" sa issa fil-gżejjer Maltin ġew identifikati madwar sebgħin speċi ta' bebbux ta' l-art u 'l fuq minn 700 speċi tal-baħar. Il-klassifikazzjoni tal-bebbux issir fuq l-għamla ta' qoxortu. Il-qoxra tista' tkun ta' għamliet differenti ħafna; fid-daqs, fil-lewn u fil-forma. Il-bebbux jimxi jew jitkaxkar fuq organu tawwali msejjaħ **is-sieq**. Fit-tarf ta' quddiem hemm **ir-ras**, b'par "qrun" (jew anke tnejn) li fil-kotba jsejħulhom "tentakoli". Fil-ponta tal-qrun ikun hemm l-għajnejn. **Il-ħalq** għandu **lsien** aħrax li jissejjaħ "radula" li permezz tiegħu jiekol ikel divers, minn ħaxix sa annimali oħra.

Biex ikun jista' jimxi il-bebbuxu joħroġ dak li bil-Malti ngħidulu **lgħab**, bħal bżieq, li joħroġ minn glandoli wara ħalqu u minn toqob matul il-ġnub tas-sieq. Huwa fuq dan il-lgħab li l-bebbuxu jkun jista' jiżżerżaq billi jħaddem il-muskoli tal-ġnub ta' sieq































u b'moviment minn wara għal quddiem biex jimbotta lilu nnifsu fid-derizzjoni li jkun irid imur. Dan il-lgħab huwa materjal jiżloq ħafna u meta jibda jinxef jeħel mas-swaba ta' jdejk u jdejqek. Bil-Malti ngħidu li "**jghallek**", jigifieri jwaħħal u jdellek. U minn xi darba ġabar il-bebbux jaf li trid togħrok subajk sewwa ma' xi ġebla tal-franka, ma' xi qabda ħaxix niexef, ma xi skora jew ċarruta niexfa jew inkella taħsilhom u togħrokhom sewwa bis-sapun biex tneħħih. L-ilma li bih taħsilhom joħroġ ta' lewn ħadrani ċar.

**Fl-irtuba**, meta l-art tkun niedja sewwa, u iktar u iktar meta tkun mxarrba bix-xita, l-bebbuxu ma jkollux għalfejn joħroġ dak il-lgħab kollu u għalih il-ħajja tkun eħfef, mhux bħal meta l-art tkun xotta meta jkun **eħtrieq**. L-irtuba tagħmel mar-riħ isfel li jġib l-umdita' miegħu. L-arja tkun ħelwa u mielsa u trattab il-ħaxix niexef ukoll u għalhekk ikun aktar faċli għall-bebbuxu li jieklu. Ir-riħ fuq iġib l-eħtrieq; l-arja tkun xotta u ħarxa u l-ħaxix, speċjalment dak niexef ikun imqarqaċ u wieqaf u għalhekk il-bebbux ma tantx joħroġ. Biex il-bebbux isib l-irtuba jrid joħroġ mal-lejl sa filgħodu kmienu qabel ma toħroġ ix-xemx u ttajjar in-nida jew tixxotta l-art. Il-bebbux jibza' wkoll mir-riħ qawwi. Peress li hu jaħżen l-ikel jista' jissaporti mistoħbi ġewwa bla ma jiekol sakemm it-temp ikun kif jixtieqū hu. Min fejn jimxi fuq art xotta l-bebbuxu jħalli l-marka tal-lghab li fuqu jkun iżżerżaq. Meta jinxef dan isir minn lewn

il-fidda u jissejjah "**il-falza**" Skond Ġużeppi Gauci, bidwi ta' 82 sena mill-Qawra, fejn il-ħaxix ikun imċappas bil-lgħab tal-bebbux, il-bhejjem jiskartawh u ma jiekluhx.

Xi speċi ta' bebbux ta' l-art ikollhom bħal għatu magħmul minn ġilda iebsa, qisha bħal kallu, li meta jimxu jkun fuq in-naħa ta' wara tas-sieq u meta jidħlu f'qoxrithom dan l-għatu jinġibed l-aħħar ħaġa u bih jitbqu l-fetħa. Dan jissejjaħ "operculum". Bil-Malti nistgħu ngħidulu **tebqa** jew **għatu**. Imma il-bebbux komuni ta' l-ikel m'għandux dan l-għatu u biex jitboq fomm qoxortu juża l-lgħab. Permezz tiegħu jaħdem bħal rita rqiqa li tissiġilla l-fetħa filwaqt li biha stess ikun jista' jaqbad sew mal-post fejn ikun irid jistrieħ u jorqod ir-raqda tas-Sajf. Meta jiddeċiedi li jrid jistrieħ, il-bebbuxu jaqbad ma' saqaf, ma' ħajt, ma' blata, ma' njama, ma' zokk ta' siġra, ma' werqa, ma' pjanċa jew ma' xi wiċċ ieħor li jisib għal qalbu.

## MARA U RAĠEL FL-ISTESS ĦIN

Il-bebbux ta' l-ikel (Cantareus aspersus) bħall-bebbux kollu ta' l-art huwa hermafrodita – jiġifieri għandu fih iż-żewġ sessi. Kull bebbuxu hu raġel u mara fl-istess ħin, u jipproduċi kemm l-isperma u kemm il-bajd. Imma biex ikollu l-frieħ hemm bżonn jitgħammar minn bebbuxu ieħor. Meta jkun qed jghammar il-bebbuxu johrog bhall-perm abjad li permezz tiegħu jeħel jew "**jingalla**" mal-bebbuxu l-ieħor. Fil-gżejjer Maltin dan iż-żmien tat-tgħammir ikun wara l-ewwel xita għall-ħabta ta' Ottubru. Wara għoxrin jum li jkun tghammar il-bebbuxu jħaffer toqba fil-ħamrija ta' madwar 5-10 ċentimetri fonda billi juża t-tarf warrani ta' siequ u fiha jbid minn 40 sa 70 bajda ta' lewn bajdani. Il-bebbuxu wara li jbid jitlaq, u l-bajd ifaqqas waħdu wara xi 30 jum. Fit-tifqis jgħin ħafna t-temp niedi u sħun. Il-bebbuxu jrid mas-sentejn biex ikun tajjeb biex jgħammar u jgħix għal madwar tlett snin jew iktar.

Minn wara l-ewwel xita sa Novembru, l-aħjar mod biex tiġbor il-bebbux hu li tistenna għodwa bir-riħ isfel biex ikun hemm l-irtuba li ġġib magħha n-nida. Ikun aħjar jekk tkun għodwa bla riħ u b'dik id-daqsxejn difa. Ir-riħ mhux ħabib tal-bebbux. Trid tmur kmiena mas-sebħ, qabel toħroġ ix-xemx u tibda taħraq fejn allura l-bebbux idabbar rasu 'l ġewwa għall-kenn. Meta l-istaġun tax-xita jkun qabad sewwa u tibda wkoll il-kesħa ta' Diċembru, Jannar u Frar, il-bebbux ftit li xejn joħroġ jirgħa għax ikun imxabba', u l-kesħa ma jħobbiex. Imbagħad jerġa' joħroġ bi ħġaru għall-ħabta ta' Marzu-April, biex jerġa' jiekol l-aħħar ikla kbira qabel ma jaħseb biex jidħol għar-raqda twila tas-sajf. Ta' min jgħid li dari kienu joħorġu jfittxu l-bebbux anke ma' l-għabex, u wara li jidlam, u kienu jmorru għalih bil-fanali jew bil-fjakkli, bħalma qalli Frans Farrugia minn Ħal Għaxaq.

Wara li jkun għadda l-istaġun tax-Xitwa u nofs dak tar-Rebbiegħa, għall-ħabta ta' l-aħħar t'April bidu ta' Mejju, il-bebbux jidħol l-ġewwa jistkenn mill-qilla tas-sħana sajfija. Jorqod u jibqa sajjem matul is-Sajf kollu u biċċa mill-Ħarifa sal-bidu ta' staġun ieħor tax-xita. Meta jagħmel hekk il-bebbux għandu ħabta jinġabar flimkien għall-irdoss u jintrass dahar ma' dahar ma' sħabu l-oħra fi gruppi ta' għaxra - ftit inqas jew ftit iktar. Innutajt ukoll li l-frieħ tal-bebbux għandhom ħabta jitilgħu fuq id-dahar ta' xi bebbuxu kbir meta jorqdu għas-Sajf. Meta jidħol jorqot ngħidu li l-bebbux **refa'**. Meta "jerfa'" il-bebbux għandhu ħabta jistaħba taħt il-ġebel aktarx kbir imxerred 'l hawn u 'l hinn fix-xagħri, ġox-xquq tal-ġebel tas-sejjieħ, bejn il-qiegħan tal-blat jew wara xi xitla kbira tas-sagħtar fix-xagħri jew ma' xi zokk ta' siġra. Pawlu Borg bidwi ta' 76 sena minn taħt ir-Rabat ta' Malta, qalli li hemm bebbux ta' l-ikel li ma jingħarafx wieħed mill-ieħor, imma li biċċa minnu jagħżel li jitla' maz-zkuk tas-siġar, u l-ieħor iħobb iqabbad mal-blat. Skond hu dak li jqabbad mal-blat ikun itjeb mill-ieħor u jekk il-blat ikun qawwi jerġa' jkollu togħma aħjar, "għax il-blata li magħha jqabbad tgħallem".

Filwaqt li meta tiġbru fl-istaġun tiegħu jkun ħafna eħfef għax tinzertah barra jirgħa, jekk tmur tfittxu fix-xhur tas-sajf trid tkun "tax-xeħta", jkollok l-esperjenza u tkun tal-galbu biex jirnexxilek issib ikla bebbux. Dan isibuh bħala "l-bebbux tas-Sajf" għad-differenza mill-"bebbux tax-Xitwa". Hawn min jgħid li tas-Sajf ikun itjeb u ismen. Biex tfittex il-bebbux tas-Sajf l-iktar ħaġa komuni hi li tqalleb il-ġebel. Imma għal dak tal-blat missieri kien jieħu biċċa fildiferru ftit ħoxna biex ma titgħawwiġx malajr, ngħidu aħna bħal tal-ħabel ta' l-inxir l-antik. Tarf minnhom ikun milwi forma ta' **L** u t-tarf l-ieħor minfejn taqbad, jew **il-wejda**, ikun għamla ta' **O** mgħaffġa. Il-fildiferru tiġi qisha ganċ, twil xi pied u nofs. Meta jimmarka xi xaqq li jaħseb li fih il-bebbux, missieri kien idaħħal

il-ganċ minn-naħa l-mgħawġa, jmexxih mas-saqaf tal-blata u "jhoss" il-bebbux imwaħħal. Imbagħad iqabbad il-ganċ wara l-bebbuxu u jiġbed 'l barra. U wiehed wara l-iehor kien iġib il-bebbux mix-xaqq. Ġieli kull bejta kien ikun fiha sitta jew għaxra. U ġieli x-xaqq tant kien ikun dejjaq li l-bebbuxu ma tkunx tista' toħorġu, jew inkella jaqgħalek 'l isfel u titilfu. Meta idek "tkun qagħdet" u tkun rabbejt is-sengħa għal dil-biċċa xogħol, minn dak li tħoss bil-ganċ tibda tinduna jekk ix-xaqq hux vojt jew hux mimli bebbux. Ġieli jirnexxilek toħroġ bħal fettul ta' erba' jew sitt bebbuxiet imqabdin qishom imsenslin, wieħed ma' dahar l-ieħor.

Meta joħorġu għall-bebbux, wieħed jgħid lill-ieħor:

"Illum għall-bebbux"
"Se mmur nlaqqat ikla bebbux"
"Se mmur insib ftit bebbux"
"Se mmur niġbor ftit bebbux"
"Se mmur indur għall-bebbux"
"Se mmur inqalleb erba' ġebliet"
"Se mmur għal tal-qrun"

## KIKKRA DQID GĦAL KULL KILO BEBBUX

Kull oġġett iħajrek iktar jekk ikun barra minn żmienu. Meta il-bebbux tkun ġbartu fis-Sajf dan tkun tista' ssajru mill-ewwel għax ikun ġa sajjem u nadif minn ġewwa. Imma jekk tiġbru meta jkun jirgħa barra dan trid issawmu mill-inqas għal xi għaxart ijiem ħalli jilħaq joħroġ dak li jkun kiel. L-aħjar li tagħmlu ġo xi xkora tal-faxx imdendel, jew ġo xi qafas bil-ġnub ta' l-injam imma bil-wiċċ u l-qiegħ tax-xibka tal-ħadid, kemm għall-arja kif ukoll biex li jneħħi jibqa' nieżel. Għalhekk f'kull kaz importanti li l-bebbux ikun maqtugħ mill-art xi pied u nofs, u jintrefa' x'imkien xott. Hawn min kien jitilqu ġo xi kamra jew dwejra battala u jħallih jiġri u jqabbad mal-ħitan. Sibt min jirrakkomanda li jekk int tkun trid issajru malajr bla ma ssawmu allura titfagħlu kikkra dqiq għal kull kilo bebbux li jkollok biex dan jieklu u jitnaddaf u fl-istess ħin ineħħi l-imrar tal-ħaxix li jkun kiel. Hemm min ukoll jitimgħu l-ħobż jew l-għaġin. Il-bebbux jista' jinħażen għal ċertu żmien. Jekk tkun ġbartu minn ta' l-ewwel xita dan ma tistax iżżommu ħafna għax ikun għadu ma kielx sew u jmutlek wara xi xahar. Imma jekk tkun ġbartu qabel is-sajf tkun tista' żżommu anke sa sena wara jekk terfgħu sewwa f'post frisk u arjuż. Inti kulma tkun qed tagħmel hu li ġġiegħlu jorqod għandek flok jorqod fejn irid hu. Imma ċ-ċiklu naturali tiegħu ma tkunx ħarbattulu għax tkun ġbartu f'waqtu. U allura tista' żżommu minn Mejju sa Novebmru u tieħu minnu ftit ftit meta tkun trid.



Il-bebbuxu tal-ikel

## ISMIJIET BIL-MALTI

L-ismijiet bil-Malti ta' l-ispeċi l-aktar komuni tal-bebbux huma dawn:

**Il-bebbuxu ta' l-ikel** (*Cantareus asperses*). Dan hu meqjus mill-Maltin bħala l-bebbuxu "raġel", imma kif għidna, dan mhux minnu għax kull bebbuxu hu raġel u mara fl-istess ħin. Jinstab imxerred ma' kullimkien fil-gzejjer Maltin. Għandu qoxra fit-tond li hi b'saħħitha u ta' lewn kannella bi ċrieki u dbabar suwed. L-annimal huwa ta' lewn safrani fl-aħdar. Jinstab taħt il-ġebel, fix-xquq, jew maz-zkuk. Huwa ta' speċi waħda għalkemm ivarja. L-Għawdxin jagħmlu sew meta jsejħulu "għakrux".



**Il-bebbuxu mara** (*Eobania Vermiculata*, *Muller 1774*). Il-Maltin jafuh bħala l-bebbuxu "mara", imma fil-bebbux m'hemmx nisa u rġiel. Intant l-isem issa weħel miegħu. Hija iktar ċatta u iżgħar mill-bebbux ta' l-ikel. Ghandha fommha iżgħar u idjaq mill-bebbux tal-ikel. Tingħaraf bla tbatija mis-sinjali jew faxxi kannella skuri li jduru ma qoxritha li hi ta' lewn abjad mitfi. Għalkemm jgħidu li hi tajba ħafna u saħansitra itjeb mill-bebbux ta' l-ikel, mhix imfittxija għall-ikel mill-Maltin forsi minhabba li laħamha ma tkunx tista' taqilgħu malajr. Tittiekel f'hafna pajjiżi tal-Mediterran fosthom l-Italja u l-Marokk. Issibha kullimkien f'kull tip ta' ambjent. Fis-Sajf tinħeba

fix-xquq tal-ħitan aktarx in-naħa ta' barra u tqabbad permezz ta' ħliefa jew rita bajda qisha karta rqiqa. Hawn żewġ varjazzjonijiet ewlenin tal-bebbuxu nagħġa: waħda bil-qoxra ta' sfond abjad biċ-ċrieki kannella skuri. L-oħra bil-qoxra lewn it-te' bil-ħalib u ċ-ċrieki kannella ċari.



**<u>Il-bebbuxu moqħża</u>**, (*Cantareus apertus, Born 1778*). Għandha qoxra lewn kannella fl-isfar ħadrani, bla tbajja jew linji. L-annimal hu ta' lewn ħadrani fl-iswed b'rasu iktar skura u żewġ sinjali iktar skuri fuq għonqu. Din hi magħrufa mal-bdiewa bħala li tħobb tira' fuq l-uċuħ tal-qamħ jew art kkultivata u biex teħles mis-sħana tas-Sajf tinħeba billi tħaffer 'l isfel fil-ħamrija u titboq fommha bi ħliefa ħoxna bajda. Qoxritha hija irqaq minn tal-bebbuxu ta' l-ikel. Għandha żewġ pari qrun. Tittiekel min-nies tal-pajjiżi tal-Mediterran, imma mhix imfittxija għall-ikel mill-Maltin. Il-bdiewa kienu jiġbruha jew iħaffru għaliha fil-ħamrija biex jisħquha b'xi ġebla. Ma kinux jistgħu għaliha għax kienet tiklilhom l-uċuħ. Mattew Spiteri, 82 sena, "Tal-Qerrieda", mill-Qrendi qalli, li qabel kien hawn ħafna, "imma minn mindu bdew iferrxu n-nutrat din inqerdet u m'għadnix naraha fejn għandi jien".

**<u>Il-Lhudija</u>** (Schembri) (*Theba Pisana, Muller, 1774*). Il-bebbux Lhudi hu dak il-bebbux żgħir li mdorrijin narawh fi kwantitajiet kbar fis-Sajf imwaħħal ma' xi zokk niexef tal-bużbież jew ma' tal-ħubbejża, ma' xi xitla tax-xewk niexfa, ma' l-għollieq, mal-ħitan jew ma' xi tank jew pjanċa tal-ħadid. l-Lhudija tħobb tinġabar ma' sħabha fi kwantitajiet kbar biex teħles mis-sħana ta' l-art tikwi tas-Sajf. Hemm tlett ilwien minnhom: bojod, safranin u bir-rigi kannella. Laħmu hu griz ċar ħafna kważi abjad trasparenti. Dan il-bebbux huwa mfittex mis-sajjieda bħala lixka. Fi Sqallija jsejħulu "babbaluci" u huwa ikla tradizzjonali fil-festa ta' Santa Rosalia f'Palermo bir-riċetta bl-isem ta' *Babbaluci alla Palermitana.* Hawn Malta mhux imfittex għall-ikel. Hawn min isejjahlu wkoll "il-bebbux abjad tas-sajd"



**<u>Il-bebbux tal-bejt</u>** (*Marmora melitensis, Ferussac, 1821*) Għandu qoxra ftit ċatta, tonda, u b'saħħitha. C.Cachia jiddeskrivih bħala "ta' lewn abjad mnaqqax bi tbajja' żgħar kannella". L-annimal hu ta' lewn safrani fil-griż. Iħobb il-blat, xquq, zkuk tas-siġar jew ħitan. Jitrabba wkoll fuq il-bjut minfejn aktarx ħa ismu. Jixxiebaħ ħafna konkoloġikament mal-Lhudija. Hawn min isejjaħlu wkoll "tal-qalli".

**<u>In-nagħġa bajda</u>** (Phinterochila candissima, Deparnaud, 1801). Huwa, kif jixhed ismu, bebbuxu ta' lewn abjad karti. Issibu mwaħħal fuq il-blat, mal-ħitan u ma' isfel taz-zkuk ta' xi xitla jew mitfuħ fil-ħamrija. Iħobb ħafna postijiet qrib xatt il-baħar fejn hemm l-blat. L-annimal huwa pjuttost kbir u tawwali, ta' lewn kannella fl-iswed jew kannella fl-aħmar. Għandu qoxra iebsa, ħoxna u b'saħħitha ħafna iktar minn ta' l-oħrajn. Huwa ta' għamla tonda mbuċċata, fommu zgħir u ta' lewn abjad ħafna. Hawn min isejjaħlu wkoll "il-bebbuxa bajda".



**<u>It-trajbu</u>** (*Rumina decollata, Linnaeus, 1758*). Huwa bebbuxu tawwali ta' għamla konika. Qoxortu mibruma bħal ħabel jew fettul u jkollu l-biċċa ta' wara dejjem nieqsa. Lewn il-qoxra ivarja minn abjad sa kannella ċar. Issibu qalb il-blat kif ukoll fil-ħamrija, ħdejn xatt il-baħar, jew 'l gewwa. Għas-Sajf it-trajbu jrabbi ħliefa ħoxna li jintebaq biha. Iħobb jinħeba taħt il-blat jew fix-xquq jew billi jintradam fil-ħamrija. Lanfranco,G. isejjaħlu wkoll "bebbuxu tat-tramuntana".

**<u>Il-bebbux Tork</u>** (*Cernuella caruanae, Kobelt, 1888*). Għandu qoxra ftit ċatta u ta' lewn safrani fil-griż, immarkata b'faxxi kannella ħfief interrotti. Jixbaħ ħafna fl-għamla lil-Lhudija imma ftit iktar ċatt. L-annimal huwa ta' lewn safrani fil-griż bir-ras u l-għonq griżi. Tinstab kullimkien fil-ħamrija, taħt il-ġebel, ma' xi ħajt, mal-blat jew maz-zkuk tas-siġar. Tinstab biss fi Sqallija, Malta u l-Libja. Hawn min isejjahlu wkoll "bebbuxa sewda", "torka sewda" jew "it-torki".

**Il-bebbux tal-fossa**
(Cyclostoma melitense). Normalment issibu fil-ħamrija, imma jinstab komuni wkoll mal-blat, taħt il-ġebel, jew taħt il-weraq u xi mindaqqiet anke mirdun fil-ħamrija. Huwa magħmul dejjaq u bil-ponta (għamla konika), għandu qoxra ħoxna u b'saħħitha, ta' lewn safrani, oranġjo jew kannella. Huwa għandu żewġ pari qrun bl-għajnejn fuq il-qrun ta' taħt. L-annimal huwa bajdani, b'sieq bit-tebqa li meta jitkebbeb gewwa tagħlaq il-fomm, jew il-bokka biha.

**Il-bebbuxu tal-qsari** (*Helix rogusiuscola, Giovanni Gulia*). Mollusk li jitrabba fl-indewwa tal-qsari, aktarx żgħir bil-qoxra għamla tawwalija u rqiqa bil-ponta.

**Id-dussies t'Għawdex** (*Muticaria macrostoma, Cantraine, 1835*). Għandu qoxra ta' għamla konika tawwalija u fuqha għandha linji rqaq mqabbżin waħda ma' l-oħra. Fommu kemmxejn wiesa'. Dan il-bebbuxu jinstab biss fil-gżejjer Maltin u fi Sqallija

**Iż-Żugraga ta' Filfla** (*Trochidea spratti form despotti, Soos, 1933*). Huwa bebbuxu żgħir endemiku għal din il-gżira żgħira. Huwa ta' għamla ikkupplata bħal boċċa, qisu żugraga, b'qoxra b'saħħitha u ta' lewn kannella ċar bi ċrieki jduru miegħu ta' lewn iktar skur. Meqjusa wkoll bħala mhedda minħabba d-daqs ta' Filfla. Jinstab biss fil-punent tal-gżira. Ikkalkulat li hemm mal-2000 eżempju. Imma skond il-Ktieb "The Marine Shells and Mooluscs of the Maltese Islands, ta' Giusti, Manganelli, u Schembri" u li minnu ħadt ħafna mit-tagħrif dwar dawn it-tnax-il speċi ta' bebbux imsemmija hawn fuq, iż-żugraga ta' Filfla tinstab ukoll f'Kemmuna fuq il-ponta ta' l-għemieri, u f'ta Falka qrib l-Imġarr.

Skond il-Professur Aquilina fid-Dizzjunarju tiegħu, teżisti l-kelma "**babu**" li f'paġna 58 jgħid li tiddeskrivi "*very little snails having the shape of a cone*", imbagħad f'paġna 93 jgħid li tirreferi għal "*very small baby snails*".

**MAGĦRUFA GĦALL-ĠBIR TAL-BEBBUX.**

Dari konna nsibu nies, tista' tgħid f'kull raħal, li kienu magħrufa għall-ġbir tal-bebbux. F'raħal twelidi, il-Qrendi, l-aktar nies imsemmija għall-ġbir tal-bebbux fi żmieni kienu l-aħwa Ta' Bużżika, u wieħed ieħor li kien il-prim tal-bebbux Ġanni Tabone minn Tal-Forn miżżewweġ għand Tal-Marsusa. L-aħwa Żeppi u Salvu Magro ta' Bużżikka kienu sfaw iltiema, u peress li ma kinux kapaċi jfendu għal rashom sewwa, kien jgħixu bil-ħniena, u xi mindaqqiet bil-kattiverja, tan-nies tar-raħal. Meta kienu għadhom żgħażagħ kienu jsibu min iqabbadhom xi biċċa xogħol, fil-barrieri jew fl-għelieqi u forsi jagħtihom ftit flus. Meta kibru x-xogħol tar-raba' sar aktar mekkanizzat, u ħadd ma kien iridhom ħlief biex jisloħhom u jiddieħek bihom. Insomma, mela dawn it-tnejn kienet l-hena tagħhom jmorru jfittxu u jimlew landa tal-kunserva bil-bebbux mill-inħawi ta' Xagħar Imqalleb, Ħaġar Qim, jew mill-Magħlaq. Għall-ħabta ta' nofsinhar jerġgħu lura r-raħal, għajjenin u bil-ġuħ, bil-landa ġo xkora tal-faxx. Jekk isibu lil xi ħadd qalbu tajba, kien jagħtihom xi ħaġa tal-flus tagħha. Ġieli kienu jitolbuk bil-ħniena biex toħodielhom. Mhux ċajta timla landa bebbux fis-sajf, meta jkun kollu mistoħbi tajjeb. Mhux l-ewwel darba li ġew fl-inkwiet ma' xi bidwi li jaqbadhom iqallbu fil-għalqa u jfittxu fil-ħitan tas-sejjieħ. In-nies tar-raħal kienu jsibuhom ukoll bħala l-Oħxon (Żeppi) u l-Irqiq (Salvu). Wieħed ma kienx jgħaddi mingħajr l-ieħor; fejn tara 'l wieħed tara 'l-ieħor. Sakemm Ċensa l-Mewt fettlilha tieħu lil wieħed minnhom, li għalkemm kien l-ikbar fid-daqs, fil-fatt kien l-iżgħar mit-tnejn. Għadhom stampati f'moħħl, u forsi b'din il-kitba jibqgħu jgħixu ftit ieħor fl-istorja.

## Kotba ikkonsultati:


Cachia Charles, *Il-Molluski ta' Malta. Pin.* 1999.
Giusti, Manganelli, Schembri, *The Marine Shells and Molluscs of the Maltese Islands.*
P.J.Schembri/A.E.Baldachhino, *Ilma Blat u Hajja*
Sultana J, Falzon V., *Wildlife of the Maltese Islands*, 1996.
Serracino Inglott Erin, *Il-Miklem Malti.*
Aquilina Joseph, *Maltese-English Dictionary.*


**Ħajr lil**

John Mamo direttur tal-Mużew ta' l-Istorja Naturali ta' Malta, l-Imdina.